# BEZQA U XAGHRA

Meta konna tfal konna niġru u nifirħu, nilagħbu, inpartu u nagħtu l-affarijiet tal-logħob lil xulxin. U kultant, għax it-tfal dejjem tfal xi ħadd minna kien jerġa' jibdielu wara ftit u jibda jnewwaħ għax irid lura l-ħwejjeġ li jkun ta jew partat. M'għandniex xi ngħidu, l-ieħor ma jkunx irid jagħti lura l-oġġett li jkun ħa għax "min jagħti ma jerġax jieħu". Biex ma jinqalax dat-tilwim, malli jsir il-partit ġieli konna nagħmlu *beżqa u xagħra:* jiġifieri wieħed jiġbed xagħra minn ras l-ieħor u dan, waqt li tkun fl-art, jobżoq fuq ix-xagħra. B'hekk kul-ħadd kien ikun jaf li l-ftehim ma jinħallx. U biex tieħu lura l-oġġett li tkun tajt — hekk konna ngħidu — trid terġa twaħħal ix-xagħra f'postha u tibla' r-riq mill-art.

Jekk nieqfu naħsbu ftit naraw li d-drawwa tat-tfal li semmejna tiġbor fiha l-fdalijiet ta' kuntratt primittiv mibni mhux fuq il-kitba imma fuq il-kelma mogħtija lil xulxin u mwettqa biċ-ċerimonja sempliċi ta' *beżqa u xagħra.* Fil-moħħ primittiv, bħala biċċa mill-ġisem, dawn kienu jfissru ż-żewġ bnedmin u kellhom bħal setgħa msaħħra (maġika) fuq dak li jkun jekk jerġa' lura minn kelmtu. M'hemmx agħar milli tikser il-kelma li tkun tajt; il-Malti jgħidilna: "Il-barri jintrabat minn qrunu u l-bniedem jintrabat minn kelmtu". Imma dil-"kelma" titlob bħal ċerimonja żgħira. Għalhekk fost in-nies primittivi, sew tal-imgħoddi kemm tal-lum, insibu drawwiet bħal dawn, fost-hom dik li jħalltu jew jixorbu demm xulxin (blood covenant). U bħad-demm hekk ukoll il-bżieq. Frazer igħidilna li fost il-Wachagen tal-Afrika tal-Lvant, meta tnejn minn nies jagħmlu ftehim solenni li ma jinħallx, ġieli jobżqu f'ħalq xulxin, u n-Nandi tal-British East Africa biex iwettqu ftehim, ngħidu aħna żwieġ jew bejgħ ta' frat jew tagħam, jobżqu bħala turija li l-ftehim sar (1). Fl-Iskozja qrajt li hemm blata fejn il-ħalfa kienet issir billi jobżqu fuqha. Donald A. Mackenzie fil-ktieb "Scottish Folk-Lore and Folk Life" (2) igħid hekk: Near Edinburgh market cross is the "heart of Midlothian", formed by granite setts in the street. The custom of spitting on the centre of it is still practised. In former times luck was secured, increase ensured and compacts made by spitting upon a stone. Fish wives spat upon the first silver coin received when vending fish; livestock dealers spat on

their palms when a bargain was arranged and before they shook hand. Brand refers to the spitting custom in the north of England when asseverations were made. Colliers who combined to demand an increase of wages spat upon a stone "by way of cementing their confederacy". "Hence", adds Brand, "the popular saying, when persons are of the same party or agree in sentiments that they spit upon the same stone." Aħna wkoll f'pajjiżna darba kellna l-Imħallef tal-Beżqa, u sallum meta rridu niġbdu s-saħta fuq xi ħadd, nobżqu waqt li ngħidu kelmiet bħal "Hajż", "Iżżi għalik" "Pu għal wiċċek".

Twemmin u drawwiet li għandhom x'jaqsmu max-xagħar għandna ħafna Malta. Nafu li bniedem muswaf ngħidu li hu b'saħħtu — ħaġa li tfakkarna fil-ġrajja ta' Sansun fil-Bibbja u li nsibuha wkoll fost in-nies ta' Amboyna fl-East Indies (3). Firrħula tagħna għadhom sallum jemmnu li meta xebba jew mara taqta' xagħarha aħjar tiġbor ix-xagħar u terfgħu xi mkien, għax jekk xi ħadd isibu jista jagħmillek magħmul. Sal-1676 u wara, naqraw li meta kien imut xi ħadd kienu jidħlu *n-newwieħa* **fil-kamra tal-mejjet** u jibdew jixehru u jibku, jagħtu fuq sidirhom u jqattgħu xagħarhom u jitfgħuh fit-tebut, u saħansitra kienu jaqtgħu x-xagħar ta' denb iż-żiemel tal-mejjet. L-irġiel nies il-mejjet kienu joħorġu mid-dar wara tmint ijiem, imma billeħja twila. Uħud jemmnu wkoll li meta jaqagħlek xagħrek kmieni għax tkun taħseb jew għaref ħafna u għalhekk igħidu: **"L-ebda ħmar m'hawn fartas".**

Issa dan kollu jurina li x-xagħar kien jitqies bħala ħaġa l-iktar importanti fil-bniedem u għalhekk ma nistagħġbux kif daħal fid-drawwa jew "kuntratt" li semmejna fil-bidu. Qabel ma bdew isiru l-kuntratti bil-miktub skond il-liġi, il-bdil, tpartit jew għoti ta' artijiet, oqsma, bini, eċċ. kien isir quddiem ġirien u xhieda oħra. Imbagħad, taħt is-sistema fewdali, il-kitba kienet twettaq il-bejgħ li jkun ġa sar qabel permezz ta' ċerimonja żgħira. Kienu jmorru fuq il-post, il-bejjiegħ u x-xerrej, u jieħdu magħhom ix-xhieda u l-ġirien li jkollhom interess fit-trufijiet tal-art li sa tinbiegħ. U s-sid jew bejjiegħ kien jaqta' żarġuna jew jerfa' ponn ħamrija eċċ. u jagħtih lill-ieħor quddiem kulħadd bħala sinjal tal-pussess tal-art u l-bini ta' fuqha (4). Iktar wara kienu jużaw ħwejjeġ oħra biex jagħtu l-pussess. Daqqiet kien jingħata *per unum ramum arboris* (b'fergħa ta' siġra), oħra *per fustem et per baculum* (biz-zokk u

bil-baklu) jew *per haspam vel annulum* (bil-molla jew ċurkett), *per cultellum* (bis-sikkina), *per crucem* (bis-salib), u bi ħwejjeġ oħra. U ma' dawn insibu wkoll li waħda mid-drawwiet kienet li jaqtgħu troffa xagħar quddiem l-altar; hekk għamel William Earl of Warwick meta ta xi artijiet lill-knisja ta' St. Pancras ta' Lewes (*per capillos capitis suis.........quos abscidit de capitibus suis cum cultella ante altare* (5). Jiġifieri nafu fiż-żgur illi l-qtugħ u l-għoti ta' ftit xagħriet fiż-żmenijet tan-nofs kien jintuża bħala rahan li jwettaq il-bejgħ jew trasferiment ta' artijiet minn bniedem għal ieħor.

Quddiem xhieda bħal din, dik il-logħba li konna nilagħbu meta konna tfal, tieħu importanza li qatt ma konna nobsru fiha. *Beżqa u xagħra!* Fdalijiet ta' drawwa qadima li tagħha għad ma nstabux dokumenti miktuba f'Malta. Hekk ħafna drabi, taħt il-wiċċ tal-logħob tat-tfal jirnexxilna nsibu t-tifkira ta' ħwejjeġ u drawwiet li darba waħda kienu tal-ikbar importanza u serjetà fil-ħajja ta' kuljum.

Ġ. CASSAR PULLICINO.

---

(1) J. G. Frazer: Folklore in the Old Testament, Vol. II., London, 1918, pp. 91-93.

(2) Op. cit. p. 259-260.

(3) J. G. Frazer: *op. cit.*

(4) Amy G. Foster: *Conveyancing Practice from Local Records*, Leeds, 1948, p. 1, (reprinted from the Thoresby Miscellany Vol. 12, Par 2).

(5) Vide *Formulare Anglicanum* or *A Collection of Ancient Charters and Instruments of Divers Kinds taken from the Originals......* edited by Thomas Madox, London, 1702, p. X.